



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 102/24

Il-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-753/22 | Bundesrepublik Deutschland (Effett ta' deċiżjoni li tagħti l-istatus ta' refuġjat)

Status ta' refuġjat: Stat Membru ma huwiex marbut li jirrikonoxxi awtomatikament l-istatus ta' refuġjat mogħti fi Stat Membru ieħor

Meta Stat Membru ma jkunx jista' jiċċad bħala inammissibbli applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn applikant, li lilu Stat Membru ieħor ikun diġà ta din il-protezzjoni, minħabba riskju serju għal dan l-applikant li jkun suġġett, fl-Istat Membru l-ieħor, għal trattament inuman jew degradanti, huwa għandu jwettaq eżami individwali ġdid. Huwa għandu, madankollu, iqis b'mod sħiħ id-deċiżjoni tal-Istat Membru l-ieħor u l-elementi li jsostnu din id-deċiżjoni.

Ċittadina Sirjana li kisbet status ta' refuġjat fil-Greċja applikat imbagħad għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja. Qorti Ġermaniża ddeċidiet li, minħabba l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-refuġjati fil-Greċja, din kien ser ikollha riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti hemmhekk, b'mod li ma setgħetx tmur lura l-Greċja. L-awtorità kompetenti Ġermaniża ċaħdet l-applikazzjoni tagħha għall-istatus ta' refuġjat, iżda tatha protezzjoni sussidjarja. Il-parti kkonċernata mbagħad ikkontestat dan ir-rifjut li tingħata l-istatus ta' refuġjat quddiem il-qorti Ġermaniża.

Il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, f'sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti kinitx meħtieġa li tirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat tal-applikant għar-raġuni biss li dan l-istatus kien diġà ġie rrikonoxxut mill-Istat Membru l-ieħor jew jekk setgħetx twettaq eżami awtonomu ġdid ta' din l-applikazzjoni fil-mertu.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, f'dan l-istadju tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri ma humiex marbuta jirrikonoxxu awtomatikament deċiżjonijiet li jagħtu l-istatus ta' refuġjat adottati minn Stat Membru ieħor. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħmlu dan. Il-Ġermanja ma eżerċitatx din l-għażla.

Taħt dawn il-kundizzjonijiet, meta l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tiċċad bħala inammissibbli applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn applikant li lilu Stat Membru ieħor ikun diġà ta tali protezzjoni, minħabba riskju serju għal dan l-applikant li jkun suġġett, f'dak l-Istat Membru l-ieħor, għal trattament inuman jew degradanti, hija għandha twettaq eżami individwali ġdid, komplut u aġġornat tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat.

Fl-ambitu ta' dan l-eżami, din l-awtorità għandha madankollu tqis b'mod sħiħ id-deċiżjoni tal-Istat Membru l-ieħor li tkun tat protezzjoni internazzjonali lil dan l-applikant u l-elementi li jsostnu din id-deċiżjoni. Għal dan il-għan, hija għandha tibda, kemm jista' jkun malajr, skambju ta' informazzjoni mal-awtorità li tkun adottatha.

Jekk l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jitqies li huwa refuġjat, l-awtorità għandha tagħtih dan l-istatus mingħajr ma jkollha setgħa diskrezzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

